# ELAN VITAL

**Ta' Joe Saliba**

Id f'id, il-bierah, jiena w int ghaddejja
konna max-xatt, hafjin, b'saqajna fl-ilma·
Ix-xemx kienet fil-boghod qed toghdos f'lewnha.
L-ahhar gawwija mlibbsa d-dlam ilmahna
bhal dell iżżiġġ, ghoddha tmiss wiċċ il-bahar.
Kollox kien hiemed bejna t-tnejn u x-xefaq
li konna riesqa lejh, imsahhra minnu.
Mat-triq, 'il fuq mid-dlam, kien hemm bhalissa,
b'dawlhom bhal żewġt ghajnejn iharsu ċassi,
karozzi bil-mijiet, bhaċ-ċriev mahruba.
Hsiebna, mal-mixi tiela' w nieżel f'mohhna,
mewweġ bi hwejjeġ l' int u jien habbejna.
Tkellimna fuq il-ġnus li ġew qabilna,
Il-hajja nfisha, kull twemmin, kull tama.
Thassibna, mistaghġbin, x'ġej fuq id-dinja.
Rajna quddiemna jsewdu n-nies li bhalna
harġu jfittxu l-mistrieh u tul ix-xtajta
bil-mod kienu tnejn tnejn mexjin imhaddna
— ġilwa ta' mahbubin li xtaqu jhallu
hajjithom ta' kuljum u jroddu hienja
f'dik is-siegha ta' dlam dawl imhabbithom.
Ahna bhalhom, jew iżjed, ridna d-dinja
tieqaf mid-dawran taghha u x-xemx mohbija
ma tidher qatt. Hemmhekk saltnet l-Imhabba.
Hassejna t-tnejn li din ghandha x-xemx taghha
li tisboq 'l ohra ghas-shana, ghad-dawl u l-ġmiel.

**8.11.68** **Victoria, Awstralja.**